# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizz e. santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**15/19**

**Il-Ħmistax (15) -il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru 2013 fil-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsilliera |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier (daħal għal-laqgħa fis-19.35) |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |

**Aġenda:**

1. ***Talba***
2. ***Qari u Approvazzjoni tal-minuti 14/19***
3. ***Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti***
4. ***Korrispondenza***
5. ***Skeda ta pagamenti: Approvazzjoni***
6. ***Ilmenti***
7. ***Ordnijiet tal-Ġurnata***
   ***(a) Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni fuq Tender / Kwotazzjonijiet***
   ***(b) Statut: Ġieħ Santa Venera***
8. ***Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati***
9. ***Komunikazzjoni mis-Sindku***
10. ***Aġġornament***

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 14/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Korrezzjoni tal-Minuti 14/19

2.2.1 Fl-attendenza flok is-Sur Horace J. Anastasi – Kunsillier (19.35) tigi Is-Sur Horace J. Anastasi – Kunsillier (daħal għall-laqgħa fis-7.25pm).

2.2.2. Minuti 3.2.2 it-tieni paragrafu, wara xi ħsara jew vandaliżmu tiżdied għal 5 snin konsekuttivi. Fis-sentenza ta' wara tinqata' 'u' u tiżdied 'sabiex' imbgħad wara 'l-isem ta' Libra' tiżdied 'u dan'.

## 3 *Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti*

3.1 Minuta 3.1.1 –Il-każ instema nhar l-20 ta' Settembru u s-Sur Stephen Sultana qal li hu ma xehedx. L-Avukat tal-Kunsill ta' Birkirkara kien Dr. Sladden fejn dan ipprova jagħti ġustifikazzjoni li ir-roundabout m'hijiex qedgħa fil-konfini tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u allura rrimarka li l-Kunsill ta' Santa Venera m'għandux ġurisdizzjoni fuqha.

Il-Kunsill ippreżenta rapporti tal-Pulizija, ritratti tal-irħama originali u press release tal-Gvern *tal-15 ta' Frar fejn dawn kollha jirreferu għall-arkata bħala Ark Wignacourt.*

Dr. Sladden ikkontesta din il-Press Release fejn irrimarka li din kienet inkitbet mill l-Eks Sindku Horace Anastasi.

Is-Sur Sultana qara ir-rapport tal-qorti. Il-Hamlet ta' Fleur De Lys qiegħed jgħid li il-qorti tathom raġun vis a vis l-isem pero dan ma kienx il-kas. Il-Qorti irrimarkat li dan il-każ ma kellux jidħol bħala mandat ta' inibizzjoni. Il-Kunsill qabel li jekk l-Avukat Dr. David Farrugia Sacco jaħseb li nistgħu nappellaw minn din is-sentenza l-Kunsill ser jipproċedi.

Is-Sur Sultana ipproponа li ssir laqgħa mal-Onor. Joe Mizzi Ministru konċernat minn Trasport Malta u nippreżentawlu d-dokumenti kollha. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Is-Sur Silvio Vella issuġġerixxa li waqt il-laqgħa mal-Ministru ikun hemm preżenti wkoll persuna esperta fuq l-istorja u li apparti l-laqgħa l-Kunsill għandu joħorġ stqarrija lill-mezzi tax-xandir. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

Il-Kunsill sostna li huwa mhux kontra ix-xogħol li ser isir pero huwa kontra li jingħata isem li ma jaqbilx ma' dak oriġinali.

3.2 Minuta 3.2.2 – Is-Sindku qal li kien għadu qiegħed jistenna l-kuntratt tal-Micamed fuq Street Lighting, pero tkellem magħhom u rriżulta li fl-ebda klawżola ma jissemmew fanali *vandal proof.* Għalhekk talab lill- Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jistaqsi lid-Dipartiment kif għandna nipproċedu ħalli filkas jinħareġ l-avviż għal kwotazzjonijiet.

3.3 Minuta 3.2.3 – Is-Sindku qal li l-attivita` kienet suċċess pero xtaqna rajna iktar konkorrenza. *Is-Sur Sultana qara l-lista tal-ispejjeż li kien hemm li jammontaw għal madwar €1,980.*

3.4 Minuta 3.2.4 – Is-Sur Sultana qal li bħalissa qiegħdin jitqassmu l-kupuni u ser r-residenti ser jingħataw it-titqiba fid-Day Centre. L-applikazzjonijiet ser jibqgħu miftuħin sat-18 t'Ottubru.

3.5 Minuta 6 – Rigward ilment 189, is-Sindku qal li l-Contracts Manager għadda s-suġġerimenti tiegħu u ser ngħadduhom lil Trasport Malta.
Rigward ilment ilment 191, is-Sindku qal li ivverifikajna li l-garaxx mhux jintuża bħala garaxx għalhekk ipproponа li l-kaxxa tibqa bajda sakemm is-Sinjura ma ġġibilniex provi li ddaħħal il-karozza. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

3.6 Minuta 8.1 – Is-Sur Jason Mangani qal li is-Sinjura Aber mhux ser tkompli fis-Sotto Kumitat u minflokha ppropona li tidħol membru s-Sinjura Dorothy Pace. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

3.7 Minuta 8.2 – Is-Sur Sultana qal li l-Kumitat tal-Ġieħ ser jibqa b'6 membri u dan wara li s-Sinjura Isabelle Mallia ma setgħetx tidħol għal dan l-impenn

3.8 Minuta 9.2 – Rigward it-*traffic management* ta' trejqa Fleur de Lys, is-Sindku qal li l-Contracts manager ha il-qisien ta' Triq il-Bir u ikkonfermalna li minn hemm ma jistax jgħaddu mini bus għaliex hija dejqa wisq. Għalhekk ġie maqbul li ssir laqgħa mal-Perit Audrey Testaferrata Denoto bl-eventwalita li jkunu nvoluti ukoll il-kapijiet tal-iskejjel.

Rigward Triq il-Kappillan Mifsud, kien hemm qbil li titneħħa d-Directional Arrow sign u dan minħabba t-tibdil li kien hemm fit-*traffic management* ta' Pjazza Franka.

*4 Korrispondenza*

4.1 Il-JJS Company Ltd bgħatet lil Kunsill talba ta' Loading/Unloading Bay pero l-Kunsill innota li dik il-parti hija konfini mal-Ħamrun għalhekk kien hemm qbil sabiex l-istess talba issir lill-Kunsill tal-Ħamrun minflok.

4.2 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Joe Busuttil li joqgħod fi Triq il-Palazz l-Aħmar fejn qiegħed jitlob li ssir mera a spejjeż tiegħu għaliex mhux qiegħed ikun jista jara l-karozzi ġejjin huwa u joħroġ mil-garaxx. Il-Kunsill qabel unanimament ma din it-talba.

4.3 Is-Sindku qal li kitbilna Fr. Jurgen li jixtieq li l-bollard li hemm fejn l-garaxx, titneħħa peress li hija tqila biex tintrefa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li isiru bil-katnazz, titneħħa bollard minnhom u jingħaqdu b'katina.

4.4 Is-Sur Sultana qal li t-TCTC bgħatilna proposta ta' korsijiet tal-kompjuter għall-adulti u anzjani. Dawn il-korsijiet jitrattaw tagħlim mil-bidu nett tal-kompjuter kif ukoll il-kors tal-ECDL Start. Din il-proposta, fil-bidu kienet ser tiġi tiswa €1,165. Wara li saru negozjati kien hemm qbil li itina l-korsijiet b'xejn għal 48 student għal Learn IT u 24 student għal ECDL Start bil-printing u tqassim tal-flyers isir mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan kollu u l-korsijiet beħsiebhom jibdew f'Novembru 2013.

L-istudenti tal-Learn IT ser iħallsu €10 filwaqt l-istudenti tal-ECDL ser iħallsu €15 għan-noti.

4.5 Is-Sindku qal li irċevejna korrispondenza fuq Nominazzjonijiet tal-Anzjan tas-Sena pero id-*deadline* tagħha huwa għada filgħodu. Kulħadd qabel li għal din is-sena tinqabeż.

4.6 Is-Sindku qal li rċevejna talba ta' permess minn Lantern Pharmacy ta' Misraħ Kebbies sabiex jagħmel rampa mat-taraġ li għandu fl-entratura tal-ispiżerija. Il-Kunsill qabel li ma jistax jagħti permess pero jista jagħti *No Objection* tax-xogħol. Il-Permess irid jinħareġ mil-MEPA bl-approvazzjoni tal-KNPD.

Is-Sur Horace J. Anastasi daħal għal-laqgħa fis-7.35pm.

4.7 Is-Sur Sultana qal li irċevejna korrispondenza oħra li fi Triq il-Ferrovija hemm persuna li għandha l-garaxx 42 u 43 u li għandha karozza tal-elettriku. Dan is-Sinjur qiegħed jitlob li isirlu *reserved parking* jew kaxxa safra quddiem il-garaxx tiegħu minħabba li meta jmur biex jiċċarġja l-karozza qiegħed isib il-karozzi pparkjati. Il-Kunsill qabel li ngħaddu dan l-ilment lil Trasport Malta għal approvazzjoni dejjem jekk il-garaxx qiegħed jintuża verament għal dak l-iskop.

4.8 Irċevejna ittra mill-iskola ta' St, Michaels fejn tgħid li fejn l-iskola, minn fejn joħorġu l-istudenti minn Triq il-Palazz l-Aħmar hemm slabs li apparti li jidhru koroh, huma ukoll ta' periklu. Kulħadd qabel sabiex dan ix-xogħol isir meta jkollna l-Kuntratt il-ġdid tal-Patching ta' Toroq u bankini.

Is-Sur Horace J. Anastasi ġie skużat mill-laqgħa fit-7.50pm.

## *5 Skeda tal-pagamenti Approvazzjoni*

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati pero l-pagament tal-Logografix jibqa miżmum sakemm jitlesta x-xogħol.

5.2 Is-Sur Silvio Vella ilmenta fuq il-pagament tal-Gardinar u qal li fil-Ġnien Romeo Romano hemm telqa kbira u issuġġerixxa li niktbu ittra lis-Sur Charlie Mifsud, il-Kuntrattur responsabbli sabiex mill-aktar fis jindirizza d-diversi nuqqasijiet li qed ikun hemm. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

## *6 Ilmenti*

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 207 sa ilment numru 239. Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

207 Koptasin
208 Diġa hemm Works Order
209 Ħaddiema Assenjati – Nixtru qatran sabiex il-patching iservi aktar.
210 Diga hemm Works Order
211 Trasport Malta
212 Ħaddiema Assenjati
213 Transport Malta
214 Ħaddiema Assenjati
215 Ħaddiema Assenjati
216 Ħaddiema Assenjati
217 Transport Malta
218 Green Wardens
219 Ħaddiema Assenjati
220 Għalissa tinżamm minħabba l-każ li hemm pendenti mad-DLG
221 Ħaddiema Assenjati 222 Ħaddiema Assenjati (saru pero reġa hemm xi problema)
223 Ħaddiema Assenjati
224 Hemm deċiżjoni ta' Transport Malta
225 Ħaddiema Assenjati u Water Services Corporation fuq il-culverts li hemm miżduda
226 Logografix
227 Kuntrattur meta jiġi deċiż it-tender tal-patching u bankini
228 Ħaddiema Assenjati sabiex jaqilgħu t-tabella
229 Ħaddiema Assenjati
230 Ħaddiema Assenjati
231 Koptasin
232 Kuntrattur meta jiġi deċiż it-tender tal-patching u bankini
233 Nordnaw 1000 sticker
234 Koptasin
235 Ħaddiema Assenjati
236 Schembri Barbros jaf biha u qiegħed jinżammlu c-cheque
237 Water Services Corporation
238 Ħaddiema Assenjati

239 Ħaddiema Assenjati

Ilmenti oħra kienu li fi Triq Fawwara hemm bżonn refreshing tal-linji tat-toroq u fi Triq il-Parroċċa hekk kif toħroġ minn Triq il-Brunżar issir Directional Arrow Sign. Dan ix-xogħol isir bil-Ħaddiema Assenjati.

Il-Kunsill qabel sabiex japplika ma Transport malta għal No right turn fi Triq Braille kantuniera ma' Triq il-Kbira. Kif ukoll li isir refreshing tas-Centre Line u refreshing tal-kumplament tas-sinjali tat-triq.

**7 Ordnijiet tal-Ġurnata**

(a) Rakkomandazzjoni mill—Bord tal-Aġġudikazzjoni fuq Tender / Kwotazzjonijiet

Is-Sindku qal li rigward il-kwotazzjoni tal-ftuħ u għeluq tal-ġonna u bandli ntefgħu 8 offerti, il-kwotazzjonijiet tal-Printing u Disinn tal-Ħarġa Akkwadott intefgħu 5 offerti u it-tender tan-numerar tal-lampi tat-toroq intefgħet offerta waħda biss.

Is-Sindku qara ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn irrakomanda lis-Sur Jonathan Lanzon għal ftuħ u egħluq tal-ġonna u dan minħabba li għandu esperjenza mal-Kunsill ta' Santa Venera fuq l-istess xogħol u l-ħidma tiegħu kienet dejjem sodisfaċenti.

Mir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni ħareġ ukoll li fuq il-kwotazzjoni tal-Printing u Disinn tal-Ħarġa Akkwadott ġiet irrakomandata l-offerta ta' Bonnici's Press u rigward it-tender tan-numerar tal-lampi tat-toroq ġie irrakomandat it-tender tal-Micamed ġaladarba fost l-oħrajn ikollna garanzija sodisfaċenti ta' mill-inqas ta' ħames snin

Il-Kunsill wara diskussjoni approva unanimament ir-rakomandazzjonijiet tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

(b) Statut: Ġieħ Santa Venera

Is-Sindku qal li l-Kumitat tal-Ġieħ tal-Għażla ippreżenta l-istatut kif propost minnu lill-Kunsill u tqassam ukoll mal-Minuti għal approvazzjoni f'din il-laqgħa. Is-Sur Sultana qal li l-Kumitat emenda dan l-istatut minn dak li kien fil-passat billi fost l-oħrajn neħħew l-element politiku.

Il-Kunsill qabel ma' dan l-istatut kif propost mil-Kumitat tal-Ġieħ tal-Għażla u li għal din is-sena issir eċċezzjoni li id-data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet tkun il-15 t'Ottubru flok il-15 ta' Settembru. Il-Kunsill issa irid ixandar b'permezz ta' avviżi fin-Notice Boards, lill-għaqdiet u lil Kappillan sabiex jinqraw fil-quddiesa.

***8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati***

8.1 Is-Sur Silvio Vella ippreżenta l-Minuti approvati tas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Wirt Storiku.

8.2 Is-Sur Stephen Sultana ippreżenta l-Minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

## *9 Kommunikazzjoni mis-Sindku*

9.1 Is-Sindku talab lill-ASE sabiex jiċċekkja mad-Dipartiment tal-Indafa fuq meta ssir il-Clean up the World biex inkunu nistgħu nippjanaw xi attivita`.

9.2 Is-Sindku qal li s-Sur Darren Carabott attenda għall-laqgħa fuq it-Trasport Pubbliku. Mil-feedback li għandna huwa rrimarka li ser ikollna 2 rotot ġodda fejn rotta58 ser topera bħalma kienet topera is-71 fil-passat filwaqt li rotta182 ser titlaq mill-Imtarfa, Santa Venera u tgħaddi Mater Dei.

Għadna biċ-ċans li nipproponu waqfa f'Santa Venera fuq ir-rotta X3 li tiġi minn Birkirkara għal Triq il-Ferrovija.

9.3 Is-Sur Sultana qal li rigward it-Twinning li kien maħsub li jseħħ f' Novembru ser ikollna nipposponuh għal sena oħra minħabba li kien hemm xi problemi mil-partners Griegi. Din il-problema hija ġejja minħabba qtugħ fl-ispejjeż minħabba t-twaqqif ta' impjegat li kien qiegħed jieħu ħsieb dan il-proġett minn naħa tal-istess Griegi.

Madankollu s-Sindku ippropona sabiex tittella attivita` xorta f'Novembru għal Jum Santa Venera billi nitolbu xi fondi lid-Dipartiment jew Ministeri konċernati. Ħeġġeġ ukoll lill-kunsilliera sabiex joħorġu ukoll b'xi attivita għal matul ll-imsemmi xahar.

9.4 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li l-Kunsill ta' Santa Venera għadu ma għamilx il-laqgħa pubblika ta' din is-sena għalhekk irridu naqblu fuq data sabiex nagħmlu din il-Laqgħa Generali. Laqgħa pubblika oħra trid issir minħabba il-Pjan Lokali tal-MEPA. Il-Kunsill qabel li il-Laqgħa Ġenerali Annwali issir nhar l-24 ta' Novembru fid-9am u il-laqgħa dwar il-Pjan Lokali tal-MEPA issir nhar il-11 t' Ottubru fis-6pm.

9.5 Is-Sur Sur Sultana qal ukoll li għal Jum l-Anzjani l-Kunsill flimkien permezz tas-Sotto kumitat tal- Anzjani, persuni bi bzonnijiet speċjali u familja u l-Grupp tad-Djakonija flimkien mal-Fondazzjoni Wirt Vendriż ser tittella attivita` żgħira nhar il-Ħadd 6 ta' Ottubru billi tibda b'quddiesa ta' radd ta' Ħajr fid-9am fil-Knisja Parrokjali u wara issegwi bibita tal-okkazjoni. Għal dan il-Jum speċjali ser jinġiebu anzjani Vendriżi li llum huma residenti f'San Vinċenz De Paul.

Għal din l-attivita` l-Kunsill qabel li jkunu mistiedna l-Ministru u s-Segretarju Parlamentari tal-Anzjani kif ukoll is-*Shadow* Minister tal-Anzjani.

## *10 Aġġornament*

10.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 21 t' Ottubru, 2013 fis-6.30pm b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa intemmet fid-9pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, 21/10/2013........